**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 19**

**3 ta' Novembru 2020**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 3 ta' Novembru 2020, fis-Sala tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento – Viċi Sindku
Donnha Barbara – Kunsillier
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

Renald Falzon – Sindku
Martina Grech - Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
George Muscat – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda s-Seduta.

**Minuti**

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ippresjeda l-laqgħa.

**19.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**19.1.1** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qrat l-ittri ta' apoloġija tal-Kunsillier Carmelo Cuschieri, George Muscat u Martina Grech l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li minħabba li s-Sindku Renald Falzon jinsab rikoverat l-isptar ma setax jippreżenta l-ittra ta' apoloġija.

**19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**19.2.1** **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 17, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 17 ġew approvati b'mod unanimu.

**19.2.2** **Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 18, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 18 ġew approvati b'mod unanimu.

**19.3 Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku**

**19.3.1** Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li fuq il-mozzjoni ppreżentata mill-Kunsililer Dr Sean Apap Meli jiġu nominati dawn il-membri fuq il-bord tal-Akkwist, il-Kunsillier Ralph Puli, l-Kunsillier Marvin Zammit u l-Kunsillier Dr Sean Apap Meli.
Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-membri tal-bord għall-Akkwist.

**19.3.2** Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-Kunsill jaħtar rappreżentant sabiex jattendi għal-laqgħat tar-Reġjun Nofsinhar, fin-nuqqas tas-Sindku Renald Falzon. Il-Viċi Sindku ppropona lill-kunsillier Marvin Zammit. Il-Kunsillier Marvin Zammit irrimarka li minħabba l-ħinijiet tax-xogħol tiegħu mhux dejjem ikun possibli għalih li jattendi. Ġie propost li għal-laqgħa tar-Reġjun għax-xahar ta' Ottubru jattendi l-Kunsillier Daniel Ablett.

**19.3.3** Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma lill-membri li aktar kmieni din il-ġimgħa, s-Segretarju Eżekuttiv kellha laqgħa mas-Sur Dominic Grech, rappreżentant tal-Ministeru għall-Ekonomija fejn ġiet infurmata li l-Ministeru se jkun qed jiffinanzja proġett fil-lokalita'.

Wara diskussjoni dwar xi proġett jista' jiġi ppreżentat, ġie maqbul li l-Kunsill jippreżenta 'Rinnovar ta' Ġnien iż-Żgħożija'.

**19.3.4** Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma li matul il-ġimgħa li għaddiet ġie ffirmat MoU mal-Foundation for the Wellbeing of the Society, wara li Ħal Qormi ġie magħżul sabiex isir proġett komunitarju għat-tfal u żgħażagħ. Il-Fondazzjoni għażlet li l-proġett jiġi mplimentat fi Pjazza Federico Maempel.

Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento ta spjega tal-proġett propost u qal li hemm pjanijiet li fl-istess proġett tiġi nkorporata bini sabiex jakkomoda l-librerija lokali, li tinsab litteralment midfuna fl-iskola primarja. Barra minhekk il-Viċi Sindku nfurma li l-Kunsill jista' wkoll jressaq talba quddiem l-Awtorita' tal-Artijiet sabiex il-gabbana li hemm magħluqa, fl-istess pjazza tiġi devoluta lill-Kunsill sabiex tiġi konvertita f'uffiċċju tal-Community Policing.

**19.3.5** Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento nfurma lill-membri li l-biċċa art fi Triq is-Sienja k/m Vjal de la Cruz, minkejja li titnaddaf mill-Kunsill, mhiex devoluta lill-Kunsill, għaldaqstant il-Kunsill għandu jressaq Talba għad-devoluzzjoni ta' din l-art sabiex, jekk il-Kunsill jingħata l-fondi, jinbena Dog Park fiha. Il-Kunsill approva li l-Kunsill iressaq talba għad-devoluzzjoni.

**19.4 MOZZJONIJIET**

**Mozzjoni numru 59 mressqa mill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia**

Bħala Kunsill Lokali aħna kommessi li naraw li l-kwalità tal-ħajja tal-Qriema dejjem titjieb. Waħda mill-ikbar sfidi li f'Ħal Qormi lkoll niffaċċjaw hi l-problema ta' nuqqas ta' spazju ta' parkeġġ. Din il-problema qed taffettwa l-benesseri tar-residenti.

Peress li bħala Kunsill Lokali aħna fid-dover li nindirizzaw l-isfidi tar-residenti Qriema,

Peress li aħna għandna nkunu leħen sod għar-residenti,

Wara li kellmuni numru ta' residenti, qed inressaq din il-mozzjoni li fiha qed nirrakkomanda biex il-parkeġġ tal-Poliklinika fi Triq il-Vitorja, fil-ħinijiet meta l-Poliklinika ma tkunx qed tintuża matul il-lejl, jibda jintuża mir-residenti Qriema.

Dan jista' jsir bi ftehim mal-Ministeru tas-Saħħa li flimkien mal-Kunsill Lokali u stakeholders oħrajn naqblu dwar id-dettalji ta' dan il-proċess. B'dan il-mod inkunu qed intaffu l-problema kbira ta' nuqqas ta' spazju ta' parkeġġ, partikolarment fiż-żona ta' Triq il-Vitorja.

Il-**Kunsillier Ralph Puli** ssekonda.

**Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento** talab lill-Kunsillier Jerome Caruana Cilia sabiex jippreżenta proposta sabiex titressaq għall-attenzjoni tal-Ministeru tas-Saħħa.

Ivvutaw Favur sitt Kunsilliera (6) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni.

**19.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2020.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Donnha Barbara** ssekondat

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Ottubru 2020.

**19.6 ĦWEJJEĠ OĦRA**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-istima għall-uniformi tal-istaff. Il-Viċi Sindku Dr Josef Masini Vento qal li l-Kunsill għandu jara li l-istaff ikun imlibbes uniformi denja għaliex dawn huma l-mera tal-Kunsill. Il-Kunsill approva li l-istaff ikollhom uniformi ġdida.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa dwar il-proġetti ewropej taħt il-Fondazzjoni GAL. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender tar-restawr ta' San Ġużepp se tkun qed tinħareġ fil-ġranet li ġejjin, filwaqt li qed tistenna t-technical specs għat-tender tar-rubble walls.

**Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia** staqsa dwar id-direzzjoni li kien hemm dwar il-laqgħat tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li sal-lum, il-laqgħat għandhom isiru fil-binja tal-Kunsill, b'mod personali. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat ukoll li qed jinħadem BILL sabiex jiġi diskuss mill-Cabinet sabiex tingħata l-għażla li l-Kunsill jorganizza laqgħat b'mod virtwali.

Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fis-7.40p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 1 ta' Diċembru 2020** fis-6.30p.m.

Konfermati, 24 ta' Novembru 2020.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Viċi Sindku | Segretarju Eżekuttiv |